# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO (President)**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 28 ta' Ġunju 2019**

**Numru 2**

**Rikors numru 218/07 RCP**

**Nutar Dottor Joanne Lia u Loraine Hili**

**v.**

**John Spiteri u b'digriet tal-10 ta' Ġunju, 2010, l-atti ġew trasfużi f'isem Darren, Stefania, u Clifton ilkoll aħwa Spiteri minħabba l-mewt ta' John Spiteri**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-Rikors imressaq fit-23 ta' Mejju, 2017, li bih l-intimati appellati (aktar 'il quddiem imsejħa "r-rikorrenti") li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbu li għall-finijiet u effetti tal-artikoli 811(e), (f) u (ġ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tħassar is-sentenza mogħtija minnha fit-28 ta' April, 2017, u terġa' tisma' mill-ġdid l-appell imressaq mill-atturi appellanti (minn issa 'l quddiem imsejħin "l-intimati ritrattati") minn sentenza

mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru, 2012, fil-kawża fl-ismijiet premessi, bl-ispejjeż kontra l-intimati ritrattati;

2. Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati ritrattati fit-8 ta' Ġunju, 2017, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, qalu li ma hemmx raġunijiet tajbin fil-liġi biex tintlaqa' t-talba tar-rikorrenti għas-smigħ mill-ġdid tal-appell billi s-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-28 ta' April, 2017 (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza attakkata") hija tajba għaliex ma teżisti l-ebda raġuni msemmija fl-artikolu 811 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li twassal għat-tħassir tal-imsemmija sentenza. Huma jgħidu li r-rikorrenti qegħdin jinqdew ħażin b'din il-proċedura bil-ħsieb li jippruvaw jibqgħu jżommu dak li mhuwiex tagħhom u jibqgħu jgawdu dak li ma għandhomx jedd għalih;

3. Rat in-Nota ta' Astensjoni tat-2 ta' Lulju, 2018[1], li biha s-Sinjorija Tiegħu l-Prim'Imħallef astjena milli jibqa' aktar fil-kawża;

4. Rat is-surroga tas-6 ta' Lulju, 2018, li biha twaqqfet din il-Qorti kif issa komposta;

5. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tas-7 ta' Frar, 2019;

[1] Paġ. 341 tal-proċess

6. Rat l-atti kollha tal-kawża fl-ismijiet premessi maqtugħa minn din il-Qorti fit-28 ta' April, 2017;

7. Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar jekk hemm raġunijiet biex titħassar is-sentenza attakkata;

***Ikkunsidrat:***

8. Illi din hija talba għal ritrattazzjoni ta' kawza li, bis-saħħa tas-sentnza attakkata, ordnat l-iżgumbrament tar-rikorrenti minn kamra bin-numru wieħed u għoxrin (21) fi Triq Paris, f'Birkirkara, li l-intimati ritrattati huma s-sidien tagħha u li kienet f'idejn l-awtur tar-rikorrenti (missierhom) sa ma miet u mbagħad għaddiet f'idejhom wara mewtu, kif baqgħet sallum;

9. Illi r-rikorrenti jgħidu li hemm raġunijiet maħsuba fl-artikoli 811(e), (f) u (ġ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jwasslu għat-tħassir tas-sentenza attakkata u għas-smigħ mill-ġdid tal-appell;

10. Illi bil-ħsieb li din is-sentenza tinftiehem aħjar, il-Qorti qiegħda ġġib is-sentenza attakkata kif ġej:

> *"Rat ir-rikors ġuramentat li l-atturi ppreżentaw fis-27 ta' Frar, 2007, u li jaqra hekk:*
>
> *"Illi l-esponenti huma proprjetarji tad-dar bin-numru tnejn u ghoxrin (22), fi Triq Paris, Birkirkara u li ghandha bieb iehor bin-numru mija u tmienja (108), fi Triq l-Imsida, Birkirkara, u tal-kamra adjacenti bin-numru wiehed*

*u ghoxrin (21), qabel indikata bhala kamra bla numru, fi Triq Paris, Birkirkara;*

*“Illi l-intimat jokkupa l-imsemmi fond 22, Triq Paris, Birkirkara (u li ghandu bieb iehor bin-numru 108, fi Triq l-Imsida) b’titolu ta’ enfitewsi temporanja, liema koncessjoni enfitewtika taghlaq fil-5 ta’ Mejju 2007 (Dokumenti A u B);*

*“Illi fil-kors tal-imsemmija enfitewsi, l-intimat John Spiteri naqas li jzomm l-imsemmi fond fi stat tajjeb u hallih jitgharraq billi naqas li jaghmel it-tiswijiet mehtiega, bi ksur tal-obbligi legali u kuntrattwali tieghu;*

*“Illi minkejja li l-istess intimat gie nterpellat sabiex isewwi l-imsemmija hsarat u jirripristina l-post imsemmi bin-numru 22, Triq Paris, Birkirkara fi stat tajjeb ta’ manutenzjoni, l-intimat baqa’ inadempjenti;*

*“Illi inoltre l-intimat qed jokkupa l-kamra msemmija bin-numru 21, Triq Paris, Birkirkara, b’mera tolleranza u minghajr ebda titolu validu fil-ligi;*

*“Illi ghalkemm l-esponenti nterpellaw lill-intimat, b’ittra legali tat-3 ta’ Jannar 2006, sabiex jivvaka mill-imsemmija kamra u jirrilaxxjaha favur l-esponenti, huwa baqa’ inadempjenti u ghadu qed jokkupaha abbuzivament u minghajr ebda titolu validu fil-ligi sal-lum;*

*“Illi inoltre l-istess intimat ikkaguna diversi hsarat fl-imsemmija kamra ghad-dannu tal-esponenti.*

*“Ghaldaqstant, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni li tirrizulta mehtiega skond il-ligi, ghar-ragunijiet premessi u dawk kollha li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza, l-esponenti jitolbu bir-rispett li din il-Qorti joghgobha:*

*“i). Tiddikjara illi fil-kors tal-enfitewsi, l-intimat John Spiteri naqas li jzomm il-fond 22, Triq Paris, Birkirkara, li ghandu bieb iehor bin-numru 108, fi Triq L-Imsida, Birkirkara, fi stat tajjeb ta’ manutenzjoni u hallih jitgharraq, b’mod li kkagunalu hafna hsara bi ksur tal-obbligi kontrattwali u legali tieghu;*

*“ii). Tikkundannah sabiex, fi zmien qasir u perentorju li tistabbilixxi din il-Qorti, jaghmel ix-xoghlijiet kollha mehtiega ta’ manutenzjoni u tiswija, okkorrendo taht id-direzzjoni ta’ perit nominat minn din il-Qorti;*

*“iii) Fin-nuqqas, tawtorizza lill-esponenti sabiex jaghmlu huma l-istess xoghlijiet a spejjez tal-intimat, u dan okkorrendo taht id-direzzjoni ta’ l-istess perit nominat minn din il-Qorti;*

*“iv). Tiddikjara li l-intimat John Spiteri qed jokkupa l-kamra bin-numru 21, fi Triq Paris, Birkirkara, abbuzivament u minghajr ebda titolu validu fil-ligi; u*

*"v). Konsegwentement, tordna lill-istess intimat sabiex, fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss minn din il-Qorti, jizgombra mill-istess kamra u jirrilaxxjaha bil-pussess vakanti favur l-esponenti.*

*"Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri legali tat-3 ta' Jannar, 2006, tal-24 ta' Jannar 2006, u tat-2 ta' Ottubru 2006, kontra l-intimat li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni, u b'rizerva ta' kull azzjoni ohra spettanti lill-esponenti skont il-ligi."*

*"Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti li in forza tagħha eċċepew illi:*

*"1. Illi t-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt hekk kif ser jirrizulta ampjament waqt il-kawza.*

*"2. Illi l-allegazzjoni li l-intimat naqas li jzomm il-fond 22 Triq Paris Birkirkara fi stat tajjeb u naqas li jaghmel it-tiswijiet mehtiega hija nveritiera.*

*"3. Illi mhux minnu li l-intimat qed jokkupa l-kamra li tinsab numru 22 fl-istess triq minghajr titolu stante li kien akkwista l-kamra de quo.*

*"4. Illi l-intimat ma kkaguna l-ebda hsara fil-kamra.*

*"5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi."*

*"Rat is-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru, 2012, li in forza tagħha ddeċidiet il-kawża billi:*

*"Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti,* ***taqta' u tiddeciedi,*** *billi filwaqt li* ***tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel tlett talbiet attrici peress li l-mertu tal-istess huwa ezawriet ghaliex ix-xogholijiet necessarji saru mill-konvenut fil-mori tal-kawza****, mill-bqija tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut limitatament u biss inkwantu dawn huma konsistenti ma' dak hawn deciz, fis-sens li fil-prezent l-istess intimati mhux qed jokkupaw il-kamra numru 21, Triq Paris, B'Kara abbusivament, u b'hekk* ***tichad ir-raba' u l-hames talba attrici*** *ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.*

*"Bl-ispejjez tal-ewwel tlett talbiet attrici, nkluzi l-ispejjez u d-drittijiet tal-perit tekniku Robert Musumeci nnominat mill-Qorti a karigu tal-intimati odjerni, filwaqt li l-atturi ghandhom ibatu l-ispejjez tar-raba' u l-hames talba attrici."*

*"Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:*

*"Illi din hija kawza dwar allegata hsara fil-fond 22, gja 32, Triq Paris B'Kara li tieghu l-atturi huma s-sidien u l-intimat John Spiteri kien censwalista tal-istess fejn l-atturi qed jitolbu li jigu rrangati l-hsarat li graw fl-istess post li sehhew meta l-konvenut kien fil-pussess tal-istess.*

*"Illi jirrizulta mir-rapport tal-Perit Frederick Doublett li diversi hsarat gew riskontrati fl-istess fond skont kif jidher fir-rapport tieghu datat 13 ta' April 2006, izda jidher li l-istess hsarat gew irrangati fil-mori tal-kawza kif jidher mir-rapport tekniku ex parte wkoll tal-Perit Mario Cassar datat 8 ta' Lulju 2008, u din il-Qorti thoss li l-provi juru li tali hsarat gew irrangati fil-mori tal-kawza.*

*"Illi fil-fatt jidher li qabel infethet il-kawza l-atturi interpellaw lill-konvenuti sabiex jaccedu fil-fond, izda ghall-ewwel l-intimat ma kienx lest li jaghmel dan, tant li kien biss wara diversi ittri interpellatorji li dan sar – kollox qabel il-kawza.*

*"Illi f'dan is-sens ix-xhieda tal-intimat ma hijiex kredibbli ghaliex huwa sostna ghall-ewwel li ma kienx ircieva ittri minghand l-atturi u Dr. Pawlu Lia ghall-istess, u wara li din il-Qorti rat ix-xhieda tal-konvenut f'dan ir-rigward u anke dwar l-allegazzjonijiet tieghu li huwa regolarment ghamel xoghol ta' manutenzjoni, thoss li f'dan il-kuntest il-versjoni attrici hija dik attwalment kredibbli.*

*"Illi din hija l-unika konkluzjoni li din il-Qorti tista' tasal ghaliha ghaliex id-danni u l-hsara riskontrata mill-Perit Frederick Doublet fl-istess fond hija cara u d-data tar-rapport hija wahda qabel id-data ta' din il-kawza. Fil-verita' tali rapport qatt ma gie kkontestat, minkejja l-allegazzjoni tal-konvenut li huwa kien jaghmel manutenzjoni perjodikament. Izda kieku kien hekk certament li ma kienux jigu riskontratti l-hsarat fl-istess rapport tal-Perit Doublet.*

*"Illi fil-fatt il-Perit Mario Cassar fit-8 ta' Lulju 2007 (fol. 123) sostna li l-hsarat individwati mill-Perit Doublett u ezattament ix-xogholijiet rimedjali li kien issugerixxa gew attwalment maghmula, u dan ma jistax hlief ifisser li tali xogholijiet saru fil-mori tal-kawza.*

*"Illi l-istess konkluzjoni giet raggunta mill-Perit Tekniku Robert Musumeci inkarigat mill-Qorti (fol. 213) u dan iktar u iktar fid-dawl tax-xhieda kollha processwali u b'hekk allura jirrizulta li llum il-mertu dwar l-ewwel tlett talbiet attrici gie ezawrit, b'dan li tenut kont tal-fatt li hawn qed jigi konstatat li x-xogholijiet saru fil-mori tal-kawza (anke kif xehed in subizzjoni l-istess konvenut fl-4 ta' Dicembru 2007 (fol. 65), mela allura l-ispejjez tal-ewwel tlett talbiet attrici ghandhom ikunu a karigu tal-konvenuti.*

*"Illi dwar ir-raba' u l-hames talba attrici din il-Qorti thoss li ma jirrizultax li l-konvenut qed jokkupa l-kamra bin-numru 21 Triq Paris, B'Kara abbusivament u dan ghalkemm l-istess kamra ma tifformax parti mill-fond li gie moghti b'cens b'kuntratt tal-5 ta' Mejju 1986 u wara trasferiet lill-intimat John Spiteri b'kuntratt datat 19 ta' Awissu 1987 (xhieda kollha tal-partijiet hija f'dan is-sens inkluza dik ta' Mark Camilleri datata 24 ta' Jannar 2008 (fol. 97).*

*"Illi dan ghaliex fuq dan il-punt din il-Qorti ssib it-tezi tal-konvenut John Spiteri bhala kredibbli fis-sens li tali kamra inghatat lill-konvenut sabiex huwa jkompli juza l-istess bla ebda titolu sakemm huwa jibqa' jokkupa l-fond numru 22, Triq Paris, B'Kara u f'dan is-sens hija l-portata tal-iskrittura ndikata bhala Dok. "I" (fol. 44) datata 27 ta' Awissu 1988 li tghid testwalment li:-*

*"Qieghed niddikjara li jekk nigi li nhalli l-post ta' 32, Parish Street, Birkirkara, l-kamra li cedejtlu rrid inhalliha ma' l-istess post imsemmi" (ara xhieda tal-konvenut datata 26 ta' Marzu 2009 – fol. 148).*

*"Illi mela allura din il-Qorti jirrizultalha mill-provi li s-sid ta' dak iz-zmien kien qabel mal-konvenut Spiteri li huwa ghandu jzomm il-kamra sakemm huwa jkollu titolu fuq il-fond numru 22, Triq Paris, B'Kara, u dan ghalkemm huwa ma ghandu ebda titolu fuq l-istess kamra, la personali u lanqas reali, izda hemm ftehim sui generis f'dan is-sens, li qed jinghad hawn.*

*"Illi la darba allura l-intimati, bhala eredi tal-intimat Spiteri, ghadhom qed jokkupaw il-fond moghti lil John Spiteri originarjament b'titolu ta' cens, huma allura ghadhom mhux obbigati li jirrittornaw l-istess fond lill-atturi, b'dan li skont il-ftehim raggunt mas-sid ta' dak iz-zmien tal-kamra ghad illum u wkoll jistghu jokkupaw l-istess kamra u ma hemm l-ebda raguni ghaliex dan il-ftehim sui generis ma ghandux jigi rispettat mill-atturi.*

*"Illi din il-Qorti qed tagmilha cara li ghalkemm l-intimati mhux illum tenuti li jirritornaw lura l-kamra lill-atturi minhabba dan il-ftehim, ma jfissirx li l-konvenut John Spiteri ghandu xi dritt reali jew personali (bhal per ezempju ta' kera) fuq l-istess kamra u b'hekk it-tielet eccezzjoni kif redatta mill-konvenut ma hijiex qed tigi accettata ghaliex il-konvenut John Spiteri qatt ma akkwista l-proprjeta` tal-istess kamra.*

*"Illi izda min-naha l-ohra r-raba' u l-hames talba ma jistawx jigu milqugha ghaliex ghadu vigenti l-ftehim li tali kamra ghandha tigi ritornata mic-censwalist/i tal-fond 22, Triq Paris, B'Kara, meta skont il-ligi huwa jew huma jkun/u obbligat/i li jirritorna/w il-pussess tal-istess fond lill-atturi."*

*"Rat ir-rikors tal-appell tal-atturi li in forza tiegħu, għar-raġunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2012, billi filwaqt li tikkonfermaha fejn laqgħet it-talbiet attriċi u ċaħdet l-eċċezzjonijeit tal-konvenuti u fejn ikkundannat lill-konvenuti jħallsu l-ispejjeż, tilqa' wkoll ir-raba' u l-ħames talba attriċi u konsegwentement tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti.*

*"Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellati;*

*"Rat ir-risposta tal-konvenuti li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnhom premessi, jsostnu illi l-parti tas-sentenza li minnha hemm l-appell hija ġusta u għandha tiġi pjenament ikkonfermata. Għaldaqstant l-appell*

*għandu bir-rispett kollu jiġi miċħud, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti;*

*"Semgħet lid-difensuri tal-partijiet;*

*"Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;*

*"Ikkonsidrat:*

*"Illi f'din il-kawża l-atturi, bħala sidien tal-fondi 21 u 22 Triq Paris, Birkirkara, talbu li l-konvenut jiżgombra mill-fond ossija kamra numru 21, peress li qed jokkupaha b'mera tolleranza u bla titolu, u fir-rigward tal-fond ossija dar 22, li kien ingħata lill-konvenut b'titolu ta' enfitewsi, talbu li l-konvenut jiġi ordnat jagħmel it-tiswija tal-ħsarat li hemm fil-fond u l-manutenzjoni tal-istess. Il-konvenut ikkontesta dawn it-talbiet u qal li hu dejjem żamm il-fond 22 fi stat tajjeb ta' manutenzjoni u għandu titolu validu fuq il-kamra numru 21.*

*"L-ewwel Qorti sabet favur l-atturi rigward il-fond numru 22, iżda sabet li x-xogħol rimedjali neċessarju sar fil-mori tal-kawża, u, għalhekk, astjeniet milli tkompli tieħu konjizzjoni tat-talbiet relattivi. Fir-rigward tal-kamra, ċaħdet it-talbiet attriċi wara li qieset li l-konvenut qed jokkupa l-kamra in forza ta' ftehim sui generis bejnu u s-sid.*

*"L-atturi appellaw mis-sentenza u qed jitolbu r-riforma tas-sentenza sabiex jiġu milqugħa t-talbiet tagħhom fir-rigward tal-kamra bin-numru 21 u l-konvenuti jiġu żgumbrati mill-istess.*

*"Din il-Qorti, wara li eżaminat l-atti, tara li l-pussess tal-kamra da parti tal-konvenut ma hux marbut maċ-ċens li ngħata tad-dar. Il-kuntratt ta' ċens sar f'Mejju 1986, waqt li l-ftehim fuq il-kamra sar sena wara, f'Awwissu tal-1987. L-użu tal-kamra ngħata lill-konvenut wara ftehim separat mas-sid ta' dak iż-żmien, u għal dan l-użu l-konvenut jgħid li ħallas għal darba biss is-somma ta' Lm250. Din il-kamra ingħatat lilu biex jużaha għall-hobby li kellu.*

*"L-atturi jsostnu li l-użu tal-kamra ngħata lill-konvenut b'mera tolleranza, iżda kif ingħad l-ewwel Qorti sabet li l-okkupazzjoni kienet riżultat ta' ftehim sui generis bejn l-allura sid tal-fond u l-konvenut. Din il-Qorti ma taċċettax li l-fond ingħata lill-konvenut b'mera tolleranza, għax jidher li l-kamra ngħatat lill-konvenut għall-iskop preċiż u b'intendiment li jwarrab mill-istess meta joħroġ mid-dar numru 22. Fi kliem ieħor id-dgawdija tal-kamra kienet marbuta mad-dgawdija tiegħu tad-dar, iżda biex tintuża għal skop determinat marbut mal-hobby li kellu l-konvenut.*

*"Fil-fehma tal-Qorti, in-natura ta' dan il-ftehim għandu mix-xeħta ta' kommodat. Hu veru li dan il-kuntratt, bin-natura tiegħu, jikontempla l-użu ta' ħaġa bla ħlas (Arikolu 1824 tal-Kodiċi Ċivili), u hemm sentenzi li jgħidu li l-ħlas ta' korrispettiv jfisser li l-kuntratt mhux wieħed ta' kommodat. Hemm sentenzi, pero`, li jistipulaw li kumpens nominali ma jħassarx il-*

*karattru tal-kommodat (ara, per eżempju, il-kawża* ***Irving and Co. Ltd. v. Żammit*** *deċiża mill-Qorti ta' Għawdex, Ġurisdizzjoni Superjuri, fl-10 ta' Ottubru, 2014, u s-sentenza riportata fil-Kollez. Vol. XVIII.III.69). Jekk hu hekk, dan it-titolu jispiċċa darba li ma jibqax skop għad-detenzjoni tiegħu, u jekk ikun ingħata għall-ġid tal-kommodatarju, u tiegħu innifsu biss, il-werrieta tiegħu ma jistgħux jissoktaw igawdu l-ħaġa mislufa (Artikolu 1826 tal-Kodiċi Ċivili).*

*"F'dan il-każ, il-kamra ingħatat biex titgawda mill-konvenut John Spiteri għaż-żmien li jibqa' in okkupazzjoni tad-dar hdejha u għall-hobby tiegħu. Hu konċess li l-konvenut John Spiteri miet, u allura ma għadx fadal l-iskop għad-detenzjoni tal-kamra mill-eredi tiegħu. L-użu tal-kamra ingħata fuq bażi personali għad-dgawdija biss minn John Spiteri, u l-werrieta tiegħu ma għandhom ebda dritt ikomplu fid-dgawdija tal-kamra.*

*"Anke jekk il-ftehim jista' jitqies wieħed innominat, (peress li, kif ingħad, hemm sentenzi li jgħidu li fejn ma jkunx hemm gratuwita` assoluta, ma jistax ikun hemm kommodat – ara per eżempju il-kawża* ***Kucukkaya v. Mousu*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Lulju, 2015), ir-relazzjoni hi waħda personali u mhux reali. Meta l-obbligazzjoni tkun personali għalih innifsu ma tintiritx, u f'kull każ ma torbotx lis-suċċessur fit-titolu tad-debitur tal-obbligazzjoni b'titolu partikolari, kif inhu l-każ tal-atturi f'din il-kawża.*

*"Kif intqal minn din il-Qorti fil-kawża* ***Galea v. Galea*** *deċiża fid-29 ta' Novembru, 1948, fil-kuntest ta' użu ta' passaġġ, dak l-użu jista', skont iċ-ċirkostanzi, iwassal għall-ħolqien ta' obbligazzjoni personali, li ma tivvinkolax lil min jiġi fil-pussess tal-proprjeta` wara dak li jkun ikkonceda dan l-użu. "Dan l-użu, l-attwali possessur, jista' jwaqqaf jew jagħmel li tiċċessa meta jrid."*

*"Kif intqal minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawża* ***Dimech v. Debono****, deċiża fil-21 ta' Ottubru, 1986, l-għoti tal-użu ta' fond bħala pjaċir versu ħlas ta' rigal, ma joħloq ebda titolu, iżda jitqies bħala ftehim innominat u hu regolat biss bit-termini tal-ftehim innifsu. F'dan il-każ, kif ġia` intwera, d-dgawdija tal-kamra ingħatat għall-użu partikolari ta' John Spiteri, u darba li dan miet, ma baqgħax jeżisti l-iskop tal-użu. Il-kamra ma hijiex parti mid-dar li ngħatatlu b'titolu ta' enfitewsi – tant li ftehim fuqha sar xi sena wara – u l-koncessjoni ngħatat bi ftehim separat u hi ta' natura personali. Kif dak li ġia` intqal, l-aljenazzjoni tal-ħaġa ġġib magħha xoljiment tar-rapport kreditur-debitur, u l-akkwirent jista' jħoll dak il-ftehim.*

*"Fid-dawl ta' dan kollu, il-konvenuti preżenti, eredi ta' John Spiteri, ma jistgħu jivvantaw ebda titolu fuq il-kamra in kwistjoni, u għandhom jivvakaw l-istess.*

*"Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-atturi billi tilqa' l-istess u tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti billi tikkonfermaha b'dan li minflok tiċħad, qed tilqa' r-raba' u l-ħames talba attriċi, u għall-fini tal-ħames talba tipprefiġġi terminu ta' xahar millum li fih*

*il-konvenuti jridu jiżgumbraw mill-kamra numru 21, Triq Paris, Birkirkara u jirrilaxxjaw il-pussess vakanti favur l-atturi.*

*"L-ispejjeż kollha tal-kawża, inklużi dawk in prim istanza, jitħallsu mit-tlett konvenuti appellati in solidum."*;

11. Illi t-talba tar-rikorrenti biex din il-Qorti terġa' tisma' l-appell mill-ġdid u tħassar is-sentenza attakkata tissejjes fuq tliet (3) kawżali: jiġifieri (i) li s-sentenza attakkata applikat il-liġi ħażin (art. 811(e)); (ii) li s-sentenza attakkata tat fuq xi ħaġa li ma kinitx imdaħħla fit-talba (art. 811(f)), jiġifieri qatgħet '*extra petita*'; u (iii) li s-sentenza attakkata tat aktar minn dak li ntalab (art. 811(ġ)), jiġifieri s-sentenza attakkata qatgħet '*ultra petita*';

12. Illi l-ewwel osservazzjoni li jixraq issir hija li r-ritrattazzjoni hija rimedju straordinarju ammess biss fil-każijiet stabiliti fil-liġi liema ċirkostanzi huma tassattivi u għandhom jingħataw tifsira ristretta u bla tiġbid jew analoġija[2]. Sadattant, ix-xogħol ta' din il-Qorti, sakemm tkun għadha qiegħda tqis jekk jeżistux raġunijiet tajbin biżżejjed biex tħassar is-sentenza attakkata, huwa dak li tqis biss jekk kemm-il darba tirriżultax imqar waħda miċ-ċirkostanzi proċedurali maħsubin fl-artikolu 811 tal-Kodiċi Proċedurali. Fl-istadju *in rescindendo* din il-Qorti m'għandhiex tgħarbel mill-ġdid dwar jekk hi taqbilx jew le mal-mod kif il-Qorti tkun waslet għall-fehmiet tagħha fis-sentenza attakkata;

[2] App. Inf. **12.5.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Mildred Ferrando vs Loris Bianchi pro et noe***

13. Illi dan kollu jinġabar taħt ir-regola li huwa mixtieq u meħtieġ li jkun hemm iċ-ċertezza tad-dritt u fejn kawża tkun inqatgħet b'sentenza li tkun għaddiet f'ġudikat din m'għandhiex titwaqqa' kif ġieb u laħaq, imma biss għal raġunijiet serji u gravi. Dan kollu mbagħad jissejjes fuq il-massima li *res judicata pro veritate habetur*;

14. Illi huwa wkoll prinċipju aċċettat li l-proċess ta' ritrattazzjoni ma jservix bħala t-tieni appell, b'mod li taħt l-iskuża ta' xi nuqqas proċedurali, l-Qorti tkun mistiedna biex terġa' twettaq eżerċizzju ta' ri-eżami li, fil-fatt, ma jkun xejn aktar minn skrutinju mill-ġdid tal-konsiderazzjonijiet diġà magħmul mill-Qorti fis-sentenza li tagħha jintalab it-tħassir u s-smigħ mill-ġdid. Dan jgħodd għal kull waħda mill-kawżali maħsubin fl-artikolu 811 tal-Kodiċi[3];

15. Illi **dwar il-kawżali tal-applikazzjoni ħażina tal-liġi** (Art. 811(e) tal-Kap 12), ir-rikorrenti jilmintaw li din il-Qorti, fis-sentenza attakkata, applikat id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1824 tal-Kodiċi Ċivili u qieset li l-awtur tagħhom kien imħolli jinqeda bil-kamra mertu tal-każ b'kommodat, meta dan ma kellux ikun. Huma jgħidu li l-liġi li kienet tgħodd għall-każ kienet dik "li tapplika għall-iskritturi privati li jirriflettu l-intenzjoni tal-partijiet". Waqt it-trattazzjoni magħmula quddiem din il-Qorti, l-għaref difensur tar-rikorrenti ippreċiżat li s-sentenza attakkata kien imissha tħaddem id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1002 tal-imsemmi Kodiċi;

[3] App. Ċiv. **20.2.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Dalli vs Sare'*** (Kollez. Vol: **LXXX.ii.373**) u App. Inf. **20.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Catherine Caruana et. vs Anna Schembri et.,***

16. Illi din il-Qorti tiċċara li l-kwestjoni tat-titolu jew tan-nuqqas ta' titolu li l-awtur tar-rikorrenti seta' kellu fuq il-kamra mertu tal-każ kien jiddependi fuq it-tifsira li kellha tingħata kitba magħmula fis-27 ta' Awwissu, 1988[4], taħt il-firma tal-istess awtur tar-rikorrenti li fiha ntrabat li jekk kemm-il darba jiġi biex iħalli l-post numru tnejn u għoxrin (22) Triq Paris, Birkirkara, mogħti lilu b'enfitewsi li jagħlaq, huwa joħroġ ukoll mill-kamra (bin-numru wieħed u għoxrin fl-istess triq) mertu tal-każ. Trid tissemma wkoll kitba oħra li saret minn sid il-kamra ta' dak iż-żmien (u iffirmata minnu), l-għada li saret il-kitba l-oħra (fit-28 ta' Awwissu, 1988)[5] u li fiha jingħad li l-awtur tar-rikorrenti kien qiegħed iħallsu s-somma ta' mitejn u ħamsin Lira (Lm 250) "ta' kamra li ħallejtlu fil-post ta' 32[6], Paris Street, B'Kara";

17. Illi l-ewwel Qorti kienet fissret dik l-ewwel kitba bħala dikjarazzjoni li l-awtur tar-rikorrenti "għandu jżomm il-kamra sakemm huwa jkollu titolu fuq il-fond numru 22, Triq Paris, B'Kara, u dan għalkemm huwa ma għandu ebda titolu fuq l-istess kamra, la personali u lanqas reali, iżda hemm ftehim *sui generis* f'dan is-sens li qed jingħad hawn". Minkejja dan, dik il-Qorti sabet li, għalkemm miet missierhom, ir-rikorrenti setgħu jinqdew bis-saħħa ta' dik ir-rabta u jibqgħu jżommu l-kamra sakemm jibqgħu jżommu l-post li jmiss magħha. Min-naħa l-oħra, din il-Qorti, fis-sentenza

---

[4] Ara Dok "I" f'paġ. 44 tal-proċess
[5] Ara Dok "A", f'paġ. 107 tal-proċess
[6] Dak kien in-numru uffiċjali tal-bieb tal-post mogħti b'enfitewsi qabel ma nbidel għan-numru tallum

attakkata u għar-raġunijiet hemm imfissra, waslet għall-fehma li "ma taċċettax li l-fond [jiġifieri, l-kamra] ingħata lill-konvenut b'mera tolleranza, għax jidher li l-kamra ngħatat lill-konvenut għall-iskop preċiż u b'intendiment li jwarrab mill-istess meta joħroġ mid-dar numru 22. Fi kliem ieħor, it-tgawdija tal-kamra kienet marbuta mat-tgawdija tiegħu tad-dar, iżda biex tintuża għal skop determinat marbut mal-*hobby* li kellu l-konvenut. .. .. .. Fil-fehma tal-Qorti, in-natura ta' dan il-ftehim għandu mix-xeħta ta' kommodat. .. .. .. F'dan il-każ, il-kamra ingħatat biex titgawda mill-konvenut John Spiteri għaż-żmien li jibqa' in okkupazzjoni tad-dar ta' ħdejha u għall-*hobby* tiegħu. Hu konċess li l-konvenut John Spiteri miet, u allura ma għadx fadal l-iskop għad-detenzjoni tal-kamra mill-eredi tiegħu. L-użu tal-kamra ingħata fuq bażi personali għat-tgawdija biss minn John Spiteri, u l-werrieta tiegħu ma għandhom ebda dritt ikomplu fit-tgawdija tal-kamra. Anke jekk il-ftehim jista' jitqies wieħed innominat, (peress li, kif ingħad, hemm sentenzi li jgħidu li fejn ma jkunx hemm gratuwità assoluta, ma jistax ikun hemm kommodat .. .. ), ir-relazzjoni hi waħda personali u mhux reali. Meta l-obbligazzjoni tkun personali għalih innifsu ma tintiritx, u f'kull każ ma torbotx lis-suċċessur fit-titolu tad-debitur tal-obbligazzjoni b'titolu partikolari, kif inhu l-każ tal-atturi f'din il-kawża";

18. Illi ma hemmx dubju li kemm l-ewwel Qorti (fis-sentenza appellata) u kif ukoll din il-Qorti (fis-sentenza attakkata), taw il-fehma tagħhom dwar it-tifsir ta' dik il-kitba minħabba li dik kienet sewwasew il-kwestjoni fil-qofol

tagħha bejn il-partijiet f'dak li kien fadal li jkun deċiż fil-kawża (ladarba dwar l-ewwel tliet talbiet attriċi, r-rikorrenti kienu ottemperaw irwieħhom fil-mori tal-kawża u l-mertu ta' dawk it-talbiet kien eżawrit). Dawk il-fehmiet kienu wkoll ir-riżultat ta' sottomissjonijiet li l-partijiet kienu ressqu u iddibattew għall-kunsiderazzjonijiet tal-imsemmija Qrati qabel ma ngħataw is-sentenzi msemmija;

19. Illi biex jitqies li f'sentenza saret applikazzjoni ħażina tal-liġi, jeħtieġ jintwera li, meta l-fatti huma tassew kif stabiliti f'dik is-sentenza, d-deċiżjoni ma tkunx skond il-liġi. Dan mhux biżżejjed, għaliex ma hemm lok għal ebda ritrattazzjoni jekk kemm-il darba l-kwestjoni tkun fuq interpretazzjoni ta' liġi li fuqha l-Qorti tkun tat deċiżjoni;

20. Illi minn dan joħroġ li s-smigħ mill-ġdid ta' kawża ma jingħatax fejn l-ilment tal-parti li titlob ir-ritrattazzjoni jkun dwar it-tifsira jew l-interpretazzjoni li l-Qorti (fis-sentenza attakkata) tkun tat lill-fatti li jirriżultawlha jew tal-liġi li tkun tgħodd għal dawk il-fatti. Ir-ritrattazzjoni tingħata biss meta għal dawk il-fatti aċċertati, tiġi użata liġi li ma kinitx tapplika għall-każ. Terġa' u tgħid, f'każ bħal dan lanqas tingħata r-ritrattazzjoni jekk il-kwestjoni kienet tirrigwarda tifsira ta' liġi li fuqha l-Qorti tkun espressament iddeċidiet;

21. Illi l-funzjoni tal-Qorti li tinterpreta u tqis il-fatti li jirriżultawlha, flimkien mas-setgħa u d-dmir li tapprezzahom u tapplika għalihom il-liġi li tgħodd, huma l-qofol tal-eżerċizzju tagħha. Dan l-eżerċizzju jġib miegħu element ta' użu ta' diskrezzjoni raġunata li l-liġi espressament tagħti lill-ġudikant. Dwar dan l-eżerċizzju, ma jingħata l-ebda rimedju ta' ritrattazzjoni[7], u dan kemm jekk il-fehma raġonevoli li jkun wasal għaliha l-ġudikant tkun waħda oġġettivament tajba jew kif ukoll jekk ma tkunx. Dawn jikkwalifikaw bħala "*i giudizi sovrani del magistrato*"[8];

22. Illi jixraq li wieħed jagħraf ukoll bejn l-applikazzjoni ħażina tal-liġi u l-vjolazzjoni tal-liġi, li tfisser iċ-ċaħda diretta tal-preċett leġislattiv[9]. Iż-żewġ ċirkostanzi m'humiex l-istess ħaġa u m'għandhomx jitħalltu bħallikieku ħaġa waħda. L-applikazzjoni tal-liġi ħażina sseħħ meta jkun hemm nuqqas ta' qbil bejn il-fatti li jirriżultaw u l-liġi li kellha tapplika għal dawk il-fatti. Fi kliem l-awturi l-aktar imrawmin f'din il-materja, "*falsa applicazione* (di legge) *e' la sconvenienza di rapporto che passa tra la legge e il fatto. Havvi falsa applicazione di legge quando una disposizione generale fu applicata a caso sottratto per legge al dominio di quella disposizione, o quando una disposizione eccezionale fu applicata a casi a cui non si estende. ... (L)a falsa applicazione e' sempre positiva; e' un vero scambio che sposta il diritto o lo colloca una base arbitraria*"[10];

---

[7] App. Ċiv. **8.11.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef vs Pavia*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.326**)
[8] Mattirolo *Trattato di Diritto Giudiziario Civile* (1904), Vol. IV, par. 1043
[9] Merċieca *Mezzi Straordinarji ta' Impunjazzjoni tas-Sentenzi* (2005), Kap 6, paġ. 126
[10] Borsari *Il Codice Italiano di Procedura Civile Annotato* (1872), f'par. 648

23. Illi bl-istess mod wieħed irid jagħraf bejn l-applikazzjoni ħażina tal-liġi u l-interpretazzjoni ħażina. L-interpretazzjoni jew it-tifsir tal-liġi hija wkoll waħda mill-attributi tas-sovranità tal-ġudikant u, bħala tali m'hijiex suġġetta għar-ritrattazzjoni[11]. Għalhekk, biex tingħata r-ritrattazzjoni, irid jintwera li l-Qorti applikat il-liġi l-ħażina fis-sentenza attakkata u mhux li applikat b'mod ħażin il-liġi t-tajba li kienet tgħodd għall-każ[12]. Huwa minħabba f'hekk ukoll li l-liġi[13] – sewwasew b'riferenza għall-kawżali maħsuba fil-paragrafu (e) tal-arikolu 811 – trid li min jitlob is-smigħ mill-ġdid ta' kawża jsemmi wkoll liema messha kienet il-liġi t-tajba li suppost kienet applikata[14];

24. Illi biex jiġi mistħarreġ sewwa jekk hemmx lok li tingħata r-ritrattazzjoni taħt din il-kawżali, għandu jitqies li l-fatti riżultanti fis-sentenza attakkata huma tassew dawk li kienu hekk irriżultaw lil dik il-Qorti. M'għandhiex għalhekk il-Qorti li qiegħda tisma' talba għas-smigħ mill-ġdid ta' kawża (jew biex tqis jekk għandhiex tħassar is-sentenza attakkata) terġa' tgħarbel il-fatti jew tagħtihom l-interpretazzjoni tagħha[15]. Jekk tagħmel hekk, tkun qiegħda tibdel l-istitut tar-ritrattazzjoni f'wieħed ta' "tielet

---

[11] App. Ċiv. **3.2.1930** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella Żarb vs Bartolo*** (Kollez. Vol: **XXVII.i.433**)
[12] App. Ċiv. **14.11.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Hicklin et vs Hicklin*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.862**)
[13] Art 816 tal-Kap 12
[14] App. Ċiv. **24.9.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Salvino Testaferrata Moroni Viani et vs David Vella et***
[15] App. Ċiv. **17.1.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella et vs Is-Segretarju tad-Djar et*** (Kollez. Vol: **LXXX.ii.299**) u App. Ċiv. **17.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Perit Guido Vella vs Avukat Emanuel Ċefai*** , fost oħrajn

appell”[16] jew agħar, għaliex normalment lanqas il-Qorti fi stadju tal-appell ma tindaħal fid-diskrezzjoni tal-Qorti tal-ewwel grad dwar l-apprezzament u l-interpretazzjoni tal-fatti riżultanti;

25. Illi r-rikorrenti jisħqu li l-ftehim milħuq bejn l-awtur tagħhom u s-sid tal-kamra kien jitkellem b’mod ċar li l-kamra setgħet tibqa’ tinżamm sakemm ikun għadu miżmum ukoll il-post li jmiss miegħu mogħti b’enfitewsi. Huma jgħidu li kull tifsira lil hinn minn dik tkun qiegħda tħaddem liġi li ma kinitx il-liġi li tirregola dak maqbul. Huma jilmintaw mill-fatt li din il-Qorti (fis-sentenza attakkata) qieset li l-awtur tagħhom kien ħa l-kamra bil-għan li fiha joqgħod isegwi n-namra tiegħu li jibni l-mudelli tal-ajruplani;

26. Illi, min-naħa tagħhom, l-intimati ritrattati jgħidu li r-rikorrenti ma jistgħux iqajmu kwestjonijiet ta’ deċiżjonijiet ta’ fatti li jissemmew fis-sentenza attakkata taħt l-iskuża tal-applikazzjoni ħażina tal-liġi. Huma jgħidu li l-kawżali tar-ritrattazzjoni taħt dan il-kap tirrigwarda t-tħaddim tal-liġi u mhux il-kostatazzjonijiet fattwali li jkunu wasslu lill-Qorti biex taqta’ l-kawża kif qetgħetha. Dan jingħad l-aktar meta l-fatti ma jkunx hemm kwestjoni dwarhom. Fir-rigward tal-kwestjoni tal-klassifikazzjoni tal-ftehim bejn l-awtur tar-rikorrenti u Aġius bħala s-sid tal-kamra, l-intimati ritrattati jgħidu li d-deliberazzjonijiet magħmula minn din il-Qorti fis-sentenza

[16] App. Ċiv. **18.4.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Aquilina vs Aquilina*** (Kollez. Vol: **XLII.i.227**)

attakkata kienu f'posthom u juru għaliex ma kinitx qiegħda taċċetta l-fehma tal-ewwel Qorti;

27. Illi meta wieħed japplika l-prinċipji hawn fuq elenkati mal-fattispeċi tal-każ, wieħed jasal biex jgħid li l-ilment tar-rikorrenti taħt din il-kawżali mhuwiex fondat. Fl-ewwel lok, din il-Qorti taqbel mal-intimati ritrattati li r-rikorrenti ma jistgħux jinqdew b'din il-proċedura biex jerġgħu jiftħu l-kapitolu tat-tifsir tal-fatti li wasslu biex saru ż-żewġ kitbiet imsemmija. Eżerċizzju bħal dan imur lil hinn mill-eżami li jrid isir taħt dan is-sub-artikolu tal-artikolu 811. Il-punt kruċjali li wassal kemm lill-ewwel Qorti u kif ukoll lil din il-Qorti jiddeterminaw jekk il-kitba kienx għad fadlilha saħħa dwar iż-żamma tal-kamra, ma kienx daqstant l-għan li għalih l-awtur tar-rikorrenti kien kiseb il-kamra, daqskemm x'kellu jiġri minnha ladarba hu ġie nieqes jew jekk, sakemm kien għadu ħaj, kellux xi titolu li jagħtih jedd jirreżisti t-talba ta' sid il-kamra milli jroddhielu lura meta jitlobhielu. L-istess ħaġa tingħad dwar il-bosta sottomissjonijiet magħmula mir-rikorrenti dwar kemm l-użu tal-kamra huwa meħtieġ għar-rikorrenti u kif dik l-istess kamra xi darba kienet tagħmel mid-dar li tmiss magħha mogħtija b'enfitewsi lill-awtur tagħhom;

28. Illi fit-tieni lok, din il-Qorti tqis li lanqas jista' jingħad li s-sentenza attakkata applikat liġi minflok oħra. Il-każ kollu kien jirrigwarda x'tip ta' titolu seta' kellu l-awtur tar-rikorrenti fuq il-kamra mertu tal-każ. L-

ewwel Qorti, mill-ġabra ta' provi li kellha quddiemha, kienet waslet għall-fehma li John Spiteri kien igawdi żamma tal-kamra fuq is-saħħa ta' ftehim *sui generis*. Fis-sentenza attakata, din il-Qorti sabet li Spiteri kien iżomm il-kamra b'jedd jixbah lill-kommodat li ntemm malli ġie nieqes. Biex waslet għal din il-fehma, din il-Qorti qagħdet fuq il-fatti li kienu diġà tressqu mill-partijiet fl-atti tal-kawża u tathom it-tifsira li dehrilha xierqa wara li ħaddmet il-prinċipji ġenerali tal-obbligazzjonijiet kif imfissra fir-regoli tal-interpretazzjoni tal-kuntratti. Din hija sewwasew il-liġi li r-rikorrenti jgħidu li l-Qorti missha applikat. Fit-tielet lok, din il-Qorti hija tal-fehma wkoll li s-sentenza attakkata tirrigwarda interpretazzjoni ta' liġi li dwarha l-Qorti espressament tat id-deċiżjoni tagħha. Ladarba huwa hekk, id-dispożizzjonijiet tal-*proviso* għall-paragrafu (e) tal-artikolu 811 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta espressament iżommu milli tista' tintalab ir-ritrattazzjoni ta' kawża taħt din il-kawżali;

29. Illi għalhekk, din il-Qorti ma ssibx li għandha tilqa' t-talba għas-smigħ mill-ġdid tal-kawża fuq din il-kawżali;

30. Illi r-rikorrenti għażlu li jittrattaw f'argument wieħed iż-żewġ kawżali l-oħrajn tat-talba tagħhom għar-ritrattazzjoni **li bis-sentenza ngħata dak li ma kienx imdaħħal fit-talba** (Art. 811(f) tal-Kap 12) u **li bis-sentenza ngħata aktar milli ntalab** (Art. 811(ġ) tal-Kap 12). Huwa minnu li dawn iż-żewġ kawżali ġeneralment jitqiesu b'xebh ma' xulxin u jidher li dwarhom

jgħodd l-istess tagħlim. Ir-rikorrenti jsejsu dawn iż-żewġ kawżali fuq il-fatt li fis-sentenza attakkata din il-Qorti sabet li, kien x'kien il-jedd li bis-saħħa tiegħu l-awtur tar-rikorrenti kien qiegħed iżomm il-kamra li tmiss mad-dar, dak il-jedd ma kienx jgħaddi lir-rikorrenti mal-mewt tiegħu. Huma jgħidu li l-azzjoni attriċi kienet infetħet meta l-awtur tagħhom kien għadu ħaj u kien f'dak il-waqt li t-talbiet attriċi saru u kellhom jitqiesu, għaliex kien f'dak l-att promotur li l-atturi allegaw li John Spiteri ma kienx qiegħed iżomm il-kamra bl-ebda titolu tajjeb, anzi b'mod abbużiv. Kien meta l-intimati ritrattati fetħu l-kawża li ssejsu r-raba' u l-ħames talbiet tagħhom fuq in-nuqqas ta' titolu ta' John Spiteri għall-kamra mertu tal-każ, u dan meta John Spiteri kien għadu ħaj;

31. Illi l-intimati ritrattati jwarrbu wkoll dan l-aggravju u jgħidu li dak li qatgħet dwaru s-sentenza attakkata kien dak li ntalab fit-talbiet relattivi fl-att promotur u xejn aktar minn hekk. Huma jgħidu li bil-fatt li John Spiteri miet waqt is-smigħ tal-kawża meta kienet għadha quddiem il-Qorti tal-ewwel istanza, bdew jgħoddu r-regoli tal-*jus superveniens* u r-rikorrenti daħlu fiż-żarbun ta' missierhom meta assumew l-atti tal-kawża minfloku wara mewtu;

32. Illi din il-Qorti hija tal-fehma li taħt iż-żewġ kawżali tal-*extra petita* u tal-*ultra petita* huwa meħtieġ li wieħed jara x'ikun intalab fl-att promotur. Il-kriterju hu li t-talba f'kawża titqies minn dak li jissemma fl-att li

bih il-kawża tinbeda. Mill-formulazzjoni ta' dak l-att tal-bidu, wieħed ikun jista' jqis jekk dak mogħti fis-sentenza jkunx għal kollox 'il barra minn dak li ntalab (*extra petita*) jew ikunx aktar minn dak li ntalab (*ultra petita).* Ikun hemm każ ta' eċċess bħal dan fejn il-ġudikant "jibbaża r-raġuni tad-deċiżjoni fuq titolu, kawżali jew fatt ġuridiku, essenzjalment differenti minn dak li, permezz ta' azzjoni jew eċċezzjoni, jiġi dedott mill-partijiet in sostenn tal-konklużjonijiet tagħhom"[17]. Dan il-każ ma jgħoddx fih iċ-ċirkostanza fejn Qorti tipprovdi rimedju li, għalkemm ma jissemmiex bħala talba espressa, joħroġ *ex necessaria consequentia* minn talba oħra li tkun magħmula[18];

33. Illi fl-att promotur tal-kawża, ir-raba' talba attriċi kienet titlob li l-Qorti ssib li l-intimat John Spiteri kien qed jokkupa l-kamra bin-numru 21 fi Triq Paris, Birkirkara, abbużivament u mingħajr ebda titolu validu fli-liġi; filwaqt li l-ħames talba kienet titlob li konsegwentement, tordna lill-istess intimat sabiex, fiż-żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss, jiżgombra mill-istess kamra u jirrilaxxaha bil-pussess vakanti favur l-atturi;

34. Illi l-Qorti tqis ukoll li John Spiteri kien ġie nieqes qabel ma l-ewwel Qorti tat is-sentenza li minnha l-atturi (l-intimati ritrattati) appellaw. Ir-rikorrenti ma kinux appellaw minnha, ukoll jekk dik is-sentenza qieset il-fatt li l-awtur tar-rikorrenti ma kienx għadu ħaj u ma għamlu l-ebda sottomissjoni li l-ewwel Qorti kienet qatgħet dwar talba li ma saritx jew

[17] Merċieca <u>*Mezzi Straordinarji ta' Impunjazzjoni tas-Sentenzi*</u>, paġ. 145
[18] App. Ċiv. **5.2.1934** fil-kawża fl-ismijiet ***Saguna pro et noe vs Vella*** (Kollez. Vol: **XXVIII.i.818**)

aktar minn dak li ntalab. Għalhekk, għal din il-Qorti, huwa ċar li kemm fis-sentenza appellata u wkoll fis-sentenza attakkata, il-kunsiderazzjonijiet li saru mill-qrati fiż-żewġ istanzi kienu maħsuba biex ifissru s-siwi jew in-nuqqas ta' siwi tar-raba' u tal-ħames talbiet attriċi. Il-fatt li r-raġunament ta' din il-Qorti fis-sentenza attakkata wassal għal deċiżjoni għal kollox differenti minn dik imħaddna mill-ewwel Qorti ma jġibx b'daqshekk li din il-Qorti laqgħet *ultra petita* u wisq anqas *extra petita* tat-talbiet oriġinali li saru. Id-dispożittiv tas-sentenza, ukoll jekk mogħtija minn Qorti fi grad tal-appell, irid jitqabbel ma' dak li jkun intalab fl-att promotur tal-kawża u mhux ma' dak li tkun iddeċidiet il-Qorti tal-ewwel grad[19];

35. Illi meta wieħed iqis dak li talbu l-atturi sa mill-bidunett tal-kawża u jqabblu ma' dak li ipprovdiet din il-Qorti fis-sentenza attakkata, wieħed għandu jsib li dak li ngħata kien sewwasew dak li ntalab. Intalab l-iżgumbrament tar-rikorrenti u ngħata dak l-iżgumbrament;

36. Illi għalhekk ukoll, ma jistax jingħad li r-rikorrenti seħħilhom juru li s-sentenza attakkata għandha titħassar fuq dawn il-kawżali;

37. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi **tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti appellati** aħwa Spiteri, għat-tħassir tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-28 ta' April, 2017, fil-kawża fl-ismijiet

[19] App. Ċiv. **14.11.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Hicklin et vs Aġius*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.862**)

premessi, **bl-ispejjeż kontra tagħhom**, billi ma jirriżultawx il-kundizzjonijiet li jwasslu għat-tħassir tagħha u għas-smigħ tagħha mill-ġdid.

Giannino Caruana Demajo
President

Joseph R. Micallef
Imħallef

Noel Cuschieri
Imħallef

Deputat Reġistratur
mb